**3 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Salvino Borg D'Anastasi

*versus*

Ian u Maurice De Cesare *et noe*

**Tribunal Industrijali – *Award* tat-Tribunal Industrijali – Att XXX ta' l-1976 – Kompetenza – Kompetenza tal-Qorti Ċivili jew tal-Qorti tal-Kummerċ – Ġurisdizzjoni – Sindikabilità – Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji biex jissindikaw jekk it-Tribunal aġixxiex fil-limiti tal-Liġi illi in forza tiegħu huwa Kostitwit**

*L-atturi fittex biex jimpunja award fit-Tribunal Industrijali. Is-sentenza hawn riportata ċaħdet żewġ eċċezzjonijiet preliminari.*

*Il-Qorti rriteniet illi peress li ġew imħarrka konvenut kummerċjant u wieħed mhux kummerċjant, l-azzjoni setgħet validament issir*

*kemm fiċ-Ċivil kif ukoll fil-Kummerċ. Il-Qorti anzi esprimiet il-fehma illi l-kawża messha saret kif saret fil-Prim'Awla.*

*Kwantu għall-eċċezzjoni tal-Ġurisdizzjoni, il-Qorti ordinarja għandha d-dritt tissindika meta tiġi mitluba u adita, li t-Tribunal aġixxa fil-limiti tal-liġi illi in forza tagħha ġie kostitwit.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien impjegat mad-ditta *Eden Hotels Limited* għal matul sentejn u nofs;

Premess li f'Lulju ta' l-1984 huwa tkeċċa minn ma' l-istess kumpanija mingħajr ebda raġuni valida fid-dritt u fil-liġi;

Premess illi l-esponenti attur mar quddiem it-Tribunal Industrijali illi b'*Award* Numru 266 datat 13 ta' Marzu 1986, iddeċieda u ddikjara illi t-tkeċċija ta' l-attur kienet waħda ġusta;

Premess illi sabiex wasal għal dan l-*Award* it-Tribunal kiser provvedimenti fundamentali fl-Att XXX ta' l-1976, kif ukoll kiser provvedimenti oħra ta' l-att li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, apparti illi qagħad fuq fatti u riżultanti illi ma jidhirx illi ssemmew waqt ix-xieħda mogħtija quddiem dan it-Tribunal;

Premess illi għalhekk l-istess *Award* mogħti minn dak it-Tribunal jirriżulta illi huwa wieħed illegali u għalhekk null u bla ebda effett di fronte għall-istess attur kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti li tiddikjara u tiddeċidi illi l-*Award in kwistjoni huwa* bla ebda validità fil-liġi għar-raġunijiet premessi u għal dawk riżultanti waqt it-trattazzjoni ta' din l-istess kawża;

Bl-interessi u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Ian u Maurice De Cesare *nomine* fejn eċċepew bir-rispett;

1. Illi in linea preliminari din il-Qorti, in kwantu l-azzjoni hi diretta kontra s-soċjetà kummerċjali konvenuta minnhom rappreżentata, hija inkompetenti *"ratione materiae"*, stante li l-konvenuta hi kummerċjanta, skond l-art. 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

2. Illi subordinatament u f'kull każ il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja m'humiex kompetenti biex jissindakaw l-operat ta' u deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali, li għandu ġurisdizzjoni esklussiva f'materja ta' tkeċċija ta' impjegati, għat-tenur ta' l-art. 28(1) ta' l-Att XXX ta' l-1976;

3. Illi deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija finali u vinkolanti u ma hemmx appell minnha quddiem it-Tribunal ta' Ġurisdizzjoni ordinarja, kif jidher ċar mid-dispost ta' l-artikoli 34 u 35 ta' l-istess Liġi;

4. Illi subordinatament u fil-mertu, jekk din il-Qorti tiddeċidi li b'dana kollu tinvesti ruħha mill-kwistjoni, id-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma għax ġew osservati l-proċeduri u l-liġijiet kollha applikabbli;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat li l-ewwel eċċezzjoni hi dik ta' l-inkompetenza "*ratione materiae*" in vista tal-fatt li wieħed mill-konvenuti – u ċjoè s-soċjetà konvenuta "*Eden Hotels Limited*" hija waħda ta' natura kummerċjali. M'huwiex ikkontestat illi din il-kumpanija konvenuta hija waħda kummerċjali iżda magħha jinsab imħarrek ukoll Anthony Camilleri li m'huwiex kummerċjant. Billi għalhekk teżisti sitwazzjoni b'żewġ konvenuti mħarrkin għal rashom, wieħed fil-kummerċ u l-ieħor m'huwiex. Kwindi *huwa l-każ li ċ-ċitazzjoni* setgħet u tista' ssir sija fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sija fil-Qorti tal-Kummerċ. Anzi, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li f'każ ta' dubbju, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif sar f'dan il-każ. Lanqas m'għandu raġun id-difensur tal-konvenut De Cesare *nomine* meta ssottometta li l-każ in diżamina huwa iżjed dirett lejn is-soċjetà konvenuta milli lejn il-konvenut l-ieħor għaliex it-talba hija biex jiġi ddikjarat u deċiż illi l-"*award*" mogħti *mit-Tribunal Industrijali fit-13 ta' Marzu ta' l-1986, Award* numru 266, presjedut mill-konvenut Camilleri bħala *Chairman,* "huwa bla ebda validità fil-liġi". Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ma treġġix, qiegħda għalhekk tiġi respinta u kwindi l-Qorti qiegħda tiddeċidi li hija kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Subordinatament u f'kull każ, eċċepixxa wkoll il-konvenut De Cesare *nomine, il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja m'humiex*

kompetenti biex jissindikaw l-operat ta' deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u *li dan għandu ġurisdizzjoni esklussiva f'materja* ta' tkeċċija ta' mpjegati, a tenur ta' l-artikolu 28(1) ta' l-Att XXV ta' l-1976;

Din il-Qorti, kif presjeduta, diġà kellha okkażjoni li tidħol fil-kwistjoni *profunditus* fid-deċiżjoni tagħha mogħtija fis-26 ta' Mejju 1987 fil-kawża fl-ismijiet "Thomas Montalto *versus* Il-Maġġur Stanley J.A. Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali *et*" (Ċit. Nru. 174/87) fejn *inter alia* kienet irriteniet li din il-Qorti għandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk ġiet mitluba u adita, li t-Tribunal jaġixxi fil-limiti tal-liġi illi in forza tagħha huwa kostitwit. Il-Qorti, kif odjernament presjeduta m'għandha xejn aktar x'iżżid ma' dak li *ġie espress f'dina* d-deċiżjoni u għalhekk tagħmel riferenza kemm għaliha kif ukoll għad-deċiżjoni l-oħra mogħtija minn dina l-Qorti, kif diversament presjeduta, *mogħtija* fit-18 ta' April *in re:* "T. Montalto *vs* L. Chircop" (Ċitaz. Numru 327/87VBC) li wkoll hija f'dan is-sens;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u kwantu t-tielet eċċezzjoni qiegħda tirreferi għas-sindakabilità ta' dina l-Qorti riferibbilment għat-tieni eċċezzjoni surreferita, tirrespinġi wkoll allura tali eċċezzjoni. L-ispejjeż ġudizzjarji kollha relattivi jitħallsu mill-konvenut De Cesare *nomine*.